MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) GHAWDEX

## MAGISTRAT DR. MICALLEF TRIGONA ANTONIO LL.D., MAG., JURIS (EU LAW)

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 115/1998/1

Avviz numru 115/1998

Reuben u Sandra konjugi Grech

-vs-

Frances Bugeja

Il-Qorti;

Rat l-avviz ta' l-atturi sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallashom dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti mill-atturi konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara fl-erbgha (4) ta' Awissu ta' l-elf disa' mija tmienja u disghin (1998) fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex bejn il-vettura tal-marka Escort bin-numru ta' registrazzjoni JAV 178 misjuqa mil-konvenuta u l-vettura tal-marka SEAT Ibiza bin-numru tar-registrazzjoni XXX-069 appartenenti lill-attur

Reuben Grech u misjuqa mill-attrici Sandra Grech ta' liema incident il-konvenuta hi unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata sbatax (17) ta' Settembru 1998, ta' ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz u mibghuta lill-assikurazzjoni tal-konvenuta u mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz. Bl-imghaxijiet mid-data ta' l-incident sad-data tal-hlas effettiv.

Il-konvenuta hija mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qeghdha tkun ingunta.

Qieghed jigi dikjarat li ghall-finijiet ta' kompetenza d-danni reklamati mill-atturi ma jaccedux il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccepiet illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan ghaliex l-incident imsemmi fl-avviz gara unikament minhabba imperizja u traskuragni fis-sewqan, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attrici Sandra Grech.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat il-verbal tat-13 ta' Gunju 2002.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Il-kawza tittratta kollizzjoni fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex fl-4 ta' Awissu 1998 involuti z-zewg vetturi rispettivi tal-kontendenti - dik tal-marka Seat Ibiza numru ta' registrazzjoni XXX 069 misjuqa mill-attrici u dik tal-marka Ford Escort numru ta' registrazzjoni JAV 178 misjuqa mill-konvenuta.

Ghandu jinghad, qabel ma jigi trattat il-meritu li hemm avviz ukoll li ser jigi deciz illum fl-ismijiet inversi u jittratta l-

istess kollizzjoni - avviz numru 106/98 - b'daqstant li dan il-gudikat f'dan l-avviz ser japplika *mutatis mutandi* fl-avviz l-iehor u dan a skans ta' ripetizzjoni inutili.

Ghalhekk il-provi, li huma identici fiz-zewg kawzi, juru bhala fatti stabbilit s-segwenti:

- l-attrici kienet fil-mument tal-kollizzjoni qeghdha issuq il-vettura numru tar-registrazzjoni XXX 069 fl-imsemmija triq sejra fid-direzzjoni ta' Victoria;

- l-konvenuta mill-banda l-ohra kienet appena harget minn posizzjoni stazzjonarja billi kient qeghdha kif harget minn hanut fejn marret taghmel xaghra.

- fil-hin tal-kollizzjoni l-konvenuta kienet fuq quddiem il-vettura ta' l-attrici u jirrizulta, kemm minn dak li stqarret a tempo vergine riprodott fl-okkorrenza tas-surgent u kemm minn dak li stqarret l-attrici, mhux kontradetta, li appena hi harget mill-posizzjoni stazzjonarja taghha esegwiet jew bdiet tesegwixxi l-intenzjoni taghha li tidhol fi triq fuq il-lemin taghha. Kien proprju hawn li sehhet il-kollizjoni.

- Ix-xhud Maria Xuereb li tiggestixxi l-hanut tax-xaghar mhux biss ikkonfermat li l-konvenuta kienet appena qabel harget mill-hanut u irritornat ftit wara biex iccempel izda ziedet tghid li l-incident sehh xi tmien bibien 'il fuq mill-istess hanut taghha;

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-fatti l-versjoni ta' l-attrici (li hi l-unika versjoni li inghatat) hi mhux biss konsona mal-fatti fuq esposti izda hi wisq verosimili tal-fatti kif u ghaliex verament grat il-kollizjoni. Fil-parti saljenti l-attrici tghid li: "kont qed insuq fil-karreggjata tieghi tul Triq l-Imgarr, is-sewwieqa tal-karozza tal-marka Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni JAV 178, illi kienet ipparkjata fuq in-naha tal-lemin tat-triq harget ghall-gharrieda u giet quddiemi fil-karreggjata ... peress illi jiena ridt niskapula din il-karozza ersaqt lejn in-naha tal-lemin tat-triq ... f'temp ta' ftit sekodni s-sewwieqa tal-karozza Ford Escort regghet

ghamlet manuvra perikoluza ohra illi biha kisret ghal darb'ohra fuq in-naha tal-lemin tat-triq".

Illi din il-Qorti ukoll u indipendentement minn din ix-xhieda, anke mill-ftit fatti li gew prodotti, waslet ghall-konkluzzjoni li ghall-istess kollizjoni tahti biss u interament il-konvenuta li wkoll xejn ma jiggova jekk kellhiex jew ghamlitx is-sinjal li kienet ser iddur fuq il-lemin taghha. Il-fatti certi huma li hi harget minn posizzjoni stazzjonarja u di piu riedet iddur fi triq fuq il-lemin taghha kwazi immedjatament. Certament mhux kull min jaghti preavviz ta' l-intenzjonijiet tas-sewqan tieghu hu necessarjament ezimi mir-responsabbilita' wisq aktar f'dan il-kaz fejn il-kovnenuta kienet obbligata li kemm qabel ma harget mill-posizzjoni stazzjonarja taghha u kemm appena wara bl-intenzjoni li tidhol gewwa t-triq fuq il-lemin taghha taccerta ruhha li setghet minghajr ostakolu ghall-utenti ohra tat-triq taghmel il-manuvri li ghamlet.

Ghalhekk u billi jirrizultaw ukoll d-danni minnha reklamati sal-valur massimu ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) kif reklamati skond l-avviz qeghdha din il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara lill-konvenuta responsabbli interament u unikament ghall-kollizzjoni meritu dawn il-proceduri; konsegwentement tillikwida d-danni ta' l-attrici fis-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici din s-somma flimkien ma' l-ispejjez kollha tal-kawza.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur